**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 81/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Charlton Spiteri**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellant **Charlton Spiteri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 409293(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fil-5 ta' Awwissu 2018, għall-ħabta tas-siegħa u kwart ta' wara nofsinhar u/jew xi ħinijiet oħra, ġewwa Fatima Ward 3 li tinsab ġewwa l-konfini tar-Residenza San Vinċenz De Paul, Triq l-Ingiered, Luqa

[1] *A fol.* 67.

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emmanuele Axiak hekk kif iċċertifikat minn Dr. Sarah Debattista (Reg. 3945), li huwa wkoll persuna tal-fuq minn sittin sena u/jew ibati minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha ma tkunx tista' tiddefendi ruħha sew, bi ksur ta' Artikoli 216 u 222A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess ċirkostanzi ħebb għal Emmanuel Axiak sabiex jinġurjah, idejjqu jew jagħmillu ħsara b'xi mod bi ksur ta' Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, ħin u ċirkostanzi filwaqt li kien jaf jew kien messu kien jaf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi, fuq il-persuna jew mewt, xjentement ġiegħel jew ippermetta li xi persuna anzjana, jew adult dipendenti jsofri, jew jiġi fuq dawk il-persuni uġiegħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li kellu l-kura u l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement ġiegħel jew ippermetta li l-persuna jew is-saħħa ta' persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom ħsara, jew xjentement ġiegħel jew ippermetta li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti jitqiegħdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħhom tkun fil-periklu bi ksur ta' Artikolu 257A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' Emmanuele Axiak u tapplika l-provedimenti ta' Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tapplika Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Emmanuele Axiak.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Ġunju 2020, fejn il-Qorti, wara li

rat Artikoli 17, 31, 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b), 222A(1), 257A(1)(2)(3)(b) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu ħames snin priġunerija. B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti ordnat lill-ħati jħallas l-ammont ta' mitejn u disgħa u sittin Euro u disgħin ċenteżmu (€269.90) rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2020 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza appellata talab lil din il-Qorti sabiex: "*tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u b'mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tiġi kkonfermata l-ħtija taħt xi waħda mill-imputazzjonijiet dedotti kontra l-esponenti li tvarja l-piena imposta, b'piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-15 ta' Ġunju 2020.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw akkadut li seħħ fil-faċilita' għal kura tal-anzjani San Vinċenz De Paule. Fil-5 ta' Awwissu 2018 il-Pulizija tal-Għassa ta' Ħal Luqa ġew infurmati li kien hemm pazjent fl-iSptar Mater Dei li kellu xi ġrieħi f'wiċċu. Dan l-istess pazjent kellu ċertu kundizzjonijiet marbuta ma' puplesija li kienet tagħtu xi żmien qabel u għalhekk kellu diffikulta' biex jikkomunika. Jidher li meta l-*parte civile* Axiak ġie mistoqsi mill-Pulizija jekk l-akkadut seħħx fil-*ward* tiegħu huwa għamel is-sinjal b'rasu b'mod affermattiv. Il-*parte civile* kkonferma li l-kulur tal-uniformi tal-aggressur kienet bajda u kkonferma ukoll li kien *carer*. Mistoqsi minn uliedu jekk kienx l-appellant, il-*parte civile* kkonferma li kien hu.

Illi l-verżjoni tal-appellant hi xi ftit differenti billi jgħid li dakinhar tal-akkadut għal ħabta tas-1.15pm huwa ra lill-*parte civile* jiżżerżaq mis-sodda u talab għal għajnuna sabiex jerġgħu itellgħuh. Jgħid li peress li kien hemm ir-riskju li l-*parte civile* jaqa' u anke minħabba li kien fih persuna huwa daħal xi ftit bis-saħħa u għalhekk jista' jkun li laqtu.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant iressaq numru ta' aggravji u din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom wieħed wieħed. Iżda qabel ma din il-Qorti tidħol fil-mertu ta' dan l-appell hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel

> apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar il-provi prodotti u l-apprezzament tagħhom. F'dan l-aggravju l-appellant iressaq numru ta' argumenti u din il-Qorti ser tistħarriġhom fl-istess ordni li fihom tressqu. B'mod ġenerali l-appellant jilmenta li meta l-Ewwel Qorti għarblet il-provi hija kienet żbaljata fl-apprezzament tagħhom. Jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu kont ta' diversi nuqqasijiet fl-evidenza prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Dwar ix-xiehda ta' ulied u mart il-*parte civile*:

Illi l-appellant jilmenta li hemm diskrepanzi fix-xiehda ta' mart u ulied il-*parte civile* fir-rigward tal-identita' tal-aggressur. Jirreferi għax-xiehda mogħtija minn Pierre, Jason u Rita Axiaq u jgħid li meta wieħed jiġi għal fatti li wasslu għal ħruġ tal-imputazzjonijiet hemm kunflitt. Jispjega li bejn il-verżjoni tal-familjari u dik tal-Pulizija tirriżulta li dawn ta' l-aħħar ma rawx lill-*parte civile* jagħmel is-sinjal tal-ponn u lanqas il-familjari ma nfurmaw lill-Pulizija b'dan il-moviment. Jirreferi għax-xiehda ta' Noel Sharples u kif meta dan saqsa min fejn ġew il-ġrieħi, il-*parte civile* ma wieġeb xejn. Jirreferi wkoll għax-xiehda ta' Rita Axiaq fejn tgħid li bdiet tistaqsi lil żewġha dwar l-uniformi tal-persuna li aggreditu u bdiet issemmi isem *carers*, mentri allegatament jirriżulta li kienu l-Pulizija li staqsew dawn id-domandi. Jgħid ukoll li isem wieħed ġie magħmul lil *parte civile* u kien dak tal-appellant. Isemmi fejn il-familja Axiaq jgħid li hu hedded li kien ser isawwat lill-*parte civile* iżda huma qatt ma għamlu rapport dwar dan. L-appellant jisħaq

li huwa baqa' dejjem konsistenti fil-verżjoni tiegħu u jikkonferma li l-ġrieħi setgħu saru fil-preżenza tiegħu iżda mhux b'mod intenzjonali.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa x-xiehda mogħtija fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u tqies li x-xiehda mogħtija mill-familjari tal-*parte civile* hija korroborata mix-xiehda mogħtija fit-13 ta' Novembru 2018 minn PC 965 Maverick Camilleri (*a fol.* 77 *et seq.*) fejn huwa prattikament jispjega kif huwa kkomunika mal-*parte civile* u x'kienu r-risposti tiegħu.

Illi fl-istess seduta tat-13 ta' Novembru 2018 xehed ukoll PS 1396 Sergio Farrugia (*a fol.* 81 *et seq.*) fejn għal ewwel imeri ċertu punti b'mod partikolari jekk semax xi ismijiet ta' *carers* differenti iżda fl-aħħar jispiċċa li jista' jkun li ma semax dawn l-ismijiet minħabba li huwa kien okkupat jikteb.

Illi riferenza għandha ssir ukoll għax-xiehda mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2018 minn Dr. Sarah Debattista (*a fol.* 42 *et seq.*) fejn hija tikkorrobora s-sinjal tal-ponn.

Illi, minbarra dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti hija tal-fehma li l-aktar xhud importanti preżenti sabiex tiġi determinata jekk il-verżjoni mogħtija mill-appellant għandhiex mill-veru hija x-xiehda mogħtija fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2018 minn Raphael Ronayne (*a fol.* 52 *et seq.*). Dwar il-ħadida fil-ġenb tas-sodda li l-appellant jgħid li tella' bis-saħħa għax il-*parte civile* kien ser jaqa', Raphael Ronayne jgħid hekk (*a fol.* 55):

"Xhud: Sa fejn naf jiena aħna kemm irranġajnih, ma kellniex għalfejn inniżluhom

Difiża: Sewwa, ma tiftakarx jekk kienitx immniżżla?

Xhud: Le imniżżla ma kinitx."

Illi din il-verżjoni xxejjen għal kollox dak li jgħid l-appellant waqt l-istqarrija tiegħu mogħtija fis-6 ta' Awwissu 2018 (*a fol.* 5 *et seq.*) fejn huwa jgħid hekk (*a fol.* 6):

> "Waqt li kont sejjer inġib il-*bed table* laħaq dar biex jipprova jiżżerżaq, jien dak il-ħin daħħalt idi biex inżommu milli jiżżerżaq u tellajt is-*side* tas-sodda u dak il-ħin jista' jkun li lqattu xi naqra peress li ħasadni."

Illi din il-Qorti tinnota żewġ fatturi li jgiddbu lill-appellant u dawn huma s-segwenti:

- In-natura tal-ġrieħi li sofra l-*parte civile* li żgur ma jikkwalifikawx mal-verżjoni tal-appellant li laqtu xi ftit anzi fil-fehma ta' din il-Qorti *se mai* laqtu bil-goff ħafna.

- Kif jixhed Raphael Ronayne ġialadarba l-ġenb tas-sodda kien imtella', xi ħtieġa kellu l-appellant li jtella' l-ġenb?

Illi dawn id-dettalji fil-fehma ta' din il-Qorti jxejjnu l-kredibilita' tal-verżjoni mogħtija mill-appellant u konsegwentement l-argumenti mressqa mill-appellant fir-rigward tax-xiehda ta' ulied u mart il-*parte civile* qed ikunu miċħuda.

<u>Dwar xhieda okulari</u>:
Illi l-appellant jispjega li kien l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aqwa prova li f'dan il-każ kienu x-xhieda okulari. Jirreferi għax-xiehda ta' Jesmond Sacco li jispjega li kien hemm żewġ persuni pazjenti oħra u li għalhekk skont l-appellant l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li Sacco kien l-unika xhud okulari. F'dan ir-rigward l-appellant jirreferi għax-xiehda ta' Anthony Sant li xehed wara li kellmuh l-familjari tal-*parte civile*. Ikompli billi jirreferi għal fatt li l-Ewwel Qorti skartat ix-xiehda ta' Dr. Mario Scerri fejn dan jgħid li Sant mhux affidabbli. F'dan ir-rigward jirreferi għad-differenza bejn ix-xiehda mogħtija bejn Dr. Mario Scerri u Sant fejn Dr. Scerri jgħid li l-*parte civile* qala' daqqiet fuq ix-xellug waqt li x-xhud isemmi li d-daqqiet kienu fuq il-lemin.

Isemmi li Sant qal li l-*parte civile* kien kellmu mentri allegatament huwa ma kienx jitkellem minħabba l-puplesija li kien sofra żmien qabel.

Illi l-appellant isemmi wkoll il-fatt li Sant naqas milli jagħrfu (lill-appellant) waqt is-seduta u kull ma jsemmi li kien Charles li kkawża l-feriti. Ikompli billi jirreferi għal fatt li Sant jgħid li huwa qal dak li qalulu l-familjari tal-*parte civile* u mhux dak li ra b'għajnejh. Jilmenta li l-Prosekuzzjoni qatt ma ressqet lill-pazjent l-ieħor x'aktarx minħabba li tibża' min dak li jgħid u għalhekk dan id-dubju għandu jmur a favur tiegħu (tal-appellant).

Illi dwar il-livell ta' prova neċessarja u l-fatt li kien hemm xhieda oħra, din il-Qorti tgħid li għandu raġun l-appellant meta jgħid li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aqwa prova kemm kontra kif ukoll a favur il-persuna mixlija. Iżda jekk il-Prosekuzzjoni tkun tal-fehma li tkun ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju raġonevoli hija ma għandhiex għalfejn tkompli tressaq provi b'dana illi jekk tagħżel li tagħmel dan ma tkunx qed tirrendi l-proċeduri difettużi. Ikun imbagħad l-oneru tal-Qorti li tifli l-kwadru probatorju biex tara jekk il-livell ta' prova neċessarju ntlaħaqx. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numru 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "38. Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhirlu li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha l-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġa' pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-

Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' suffiċjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat. Kif ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Richard Calleja** deċiż nhar it-2 ta' Ottubru 2014, l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali, juża' d-diċitura 'bħala regola' u għalhekk:

> "Dan ifisser, kwindi, illi jekk il-Prosekuzzjoni għal xi raġuni tħalli barra xi xhud ma jfissirx illi b'daqshekk il-każ tagħha jkun kompromess, kollox jiddependi mill-assjem tal-provi miġbura u kemm dawn iwasslu se dak il-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant illi l-imputat għandu jkun responsabbli għall-akkużi addebitati lilu. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ddeċidiet illi lil Carmelo Caruana ma ttelgħux bħala xhud f'din il-kawża. Kienet fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni ttellgħux jew le din id-deċiżjoni żgur li m'għandhiex taffetwa l-kumplament tal-provi prodotti illi fuqhom il-Qorti għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha. U hekk għamlet l-ewwel Qorti.""

Illi dwar il-punt fejn l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti skartat il-parti fejn Dr. Mario Scerri qal li x-xhud okulari ma kienx ta' min jorbot fuqu, din il-Qorti tinnota li fix-xiehda mogħtija fil-15 ta' Lulju 2019 minn Dr. Mario Scerri (*a fol.* 228 *et seq.*) huwa jispjega li x-xhud ma kienx konsistenti. Din il-Qorti hija tal-fehma li tali inkonsistenza tista' tiġi mill-eta' tax-xhud iżda dan ma jfissirx li din il-Qorti għandha tiskarta kompletament ix-xiehda tax-xhud okulari u dana speċjalment meta huwa daqshekk ċar dwar il-*parte civile* u dwar il-fatt li xi ħadd refa' idejh fuqu (fuq il-*parte civile*). Jekk l-Ewwel Qorti laħqet konvinċiment morali li x-xhud okulari kien qed jgħid il-verita' dwar l-elementi essenzjali hija raġonevolment setgħet toqgħod fuqu. F'dan ir-rigward din il-

Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clive Caruana** (Numru 360/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Inoltre kif ritenut mill-ġurisprudenza abbracjata minn din il-Qorti, min ser jiġġudika jista' jemmen lix-xhud f'kollox jew f'parti u jekk ma jemminx lix-xhud f'parti mix-xiehda tiegħu ma jfissirx li ma jistax ikun emmnut f'parti oħra. Issa, l-ewwel Qorti, kienet fil-piena liberta' li tagħmel dan l-eżerċizzju u minkejja li sabet inkonsistenzi fil-fatti kif rakkontati mill-*parte civile*, xorta waħda emmnitha fil-parti li biha nkriminat lill-imputat."

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa x-xiehda mogħtija mix-xhud Anthony Sant (*a fol.* 96 *et seq.*) u tara li huwa konsistenti fl-elementi prinċipali tal-kwistjoni u ċioè li l-appellant għolla idu fuq il-*parte civile*. Jekk id-daqqiet kienux tnejn jew tlieta huwa element relattiv. Il-fatt kruċjali huwa li l-*parte ċivile* sofra daqqiet. Għalkemm huwa ma għarafx b'mod limpidu lill-appellant, dan ma jfissirx li ma hemmx provi ċirkostanzjali oħra fil-proċess li jippuntaw b'mod univoku lejn l-appellant b'dana li għalhekk hemm prova sħiħa li tipponta lejh. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għax-xiehda mogħtija minn PC 965 Maverick Camilleri (*a fol.* 77 *et seq.*) u PS 1396 Sergio Farrugia (*a fol.* 81 *et seq.*) fejn it-tnejn ikkonfermaw li malli ssemma l-isem tal-appellant, il-*parte civile* infaqa' jibki.

Illi rigward il-fatt li x-xhud Sant qal li l-appellant qala' d-daqqiet fuq il-lemin wieħed jista' faċilment jispjega dan billi meta kien qed iħares lejn ix-xena l-appellant kien fuq in-naħa tal-lemin tax-xhud mentri l-vittma peress li kien qed iħares lejn ix-xhud kien qed jaqla' d-daqqiet fuq ix-xellug tiegħu. Għalhekk anke dan l-argument ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-Ewwel Qorti setgħet mill-provi li kellha quddiema tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

B'hekk isegwi li l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illli fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta dwar in-natura tal-ġrieħi li sofra l-*parte civile* u jirreferi għal fatt li l-Ewwel Qorti kklassifikat dawn il-ġrieħi bħala gravi skont Artikolu 216(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirreferi għar-rapport ta' Dr. Scerri fejn dan jgħid li kienu *slight* iżda meta ġie mitlub jerġa' jixhed mill-Qorti, Dr. Scerri kklassifika l-ġrieħi bħala gravi. F'dan ir-rigward l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx titlob lil Dr. Scerri jerġa' jixhed.

Illi dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għax-xiehda mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2018 minn Dr. Sarah Debattista (*a fol.* 42 *et seq.*) fejn, minbarra li tikkorrobora l-verżjoni tal-persuni l-oħra dwar l-allegat reat, hija wkoll tispjega li l-ġrieħi li sofra l-*parte civile* kienu ċċertifikati bħala "*grevious*"(*a fol.* 43). Għalhekk dak li qal Dr. Scerri kien biss li kkonferma dak li qalet it-tabiba li nvistat il-pazjent *a tempo vergine*.

*Animus Nocendi*:
Illi l-appellant jirreferi għal fatt li huwa qatt ma nnega li l-feriti tal-*parte civile* setgħu seħħew fil-preżenza tiegħu meta kien qed itellgħu lura fis-sodda. Jirreferi għax-xiehda ta' Dr. Mario Scerri fejn qal li l-feriti tal-*parte civile* setgħu ġew ikkawżati minn daqqa ta' ponn jew *blunt object*. L-appellant ma jaqbilx fuq dan il-punt ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti. Fil-fehma tal-appellant mhux ċar li l-feriti tal-*parte civile* ġew ikkawżati b'daqqa ta' ponn u jisħaq li l-grad tal-prova rikjest f'dawn il-proċeduri ma ntlaħaqx. L-appellant jirreferi wkoll għal fatt li l-Ewwel Qorti sabet il-verżjoni tiegħu mhux kredibbli meta jgħid li huwa sema ħoss wieħed. Fuq dan il-punt jirreferi għax-xiehda mogħtija minn Toni Sant li jispjega minn fejn ġiet it-tieni daqqa. Jispjega li skont l-istess Sant it-tieni daqqa ġiet meta l-*parte civile* waqqa' l-ħadida fuqu. Isemmi li l-marka tal-ħadida nstabet fuq ġisem il-*parte civile* u li sussegwentement jista' jkun li meta kien qed jerfgħu huwa laqat il-*parte civile* mal-komodina. Jisħaq li għalhekk ma huwiex ċar liema huma l-feriti kkawżati minnu (mill-appellant).

Illi din il-Qorti tibda billi tirreferi għax-xiehda mogħtija fit-28 ta' Novembru 2018 minn Dr. Mario Scerri (*a fol.* 147 *et seq.*) fejn huwa

jgħid li l-feriti riskontrati fuq il-*parte civile* kienu suspettużi (*a fol.* 150). Minbarra dan, din il-Qorti tirreferi wkoll għax-xiehda mogħtija fl-istess seduta minn Noel Sharpels (*a fol.* 163 *et seq.*) fejn huwa jgħid li qatt ma ltaqa' ma tbenġil hekk kif kienu riskontrati fuq il-*parte civile* (*a fol.* 169). B'żieda ma' dan, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet preċedentement rigward il-fatt li l-ħadida tas-sodda kienet imtella' u tapplikah hawnhekk ukoll. Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li ngħad aktar 'il fuq fir-rigward tax-xiehda mogħtija mill-Pulizija ta' kif il-*parte civile* beda jibki meta kien jissemma l-isem tal-appellant u tapplikah hawn ukoll. Għalhekk, ikkunsidrat il-kwadru probatorju kollu, din il-Qorti temmen li l-appellant fil-verita' refa' idejh fuq il-*parte civile*. Konsegwentement fil-fehma ta' din il-Qorti huwa kellu l-*mens rea* neċessarja sabiex iwettaq din l-azzjoni.

<u>L-imputazzjoni taħt Artikolu 257A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta</u>:
Illi l-appellant jisħaq li huwa ma kellux intenzjoni jweġġa' lill-*parte civile* u li għalhekk stante li dan ma ġiex ippruvat l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt issib ħtija fih dwar it-tielet (3) imputazzjoni.

Illi dwar dan il-punt din il-Qorti tirreferi għal dak li qal il-Professur Sir Anthony Mamo fejn huwa jispjega li l-element formali tar-reat jista' jieħu żewġ forom: dak tad-*dolus* u dak tal-*culpa*. Fin-Noti tiegħu <u>Notes on Criminal Law</u> (First Year – Criminal Law), il-Professur Mamo jgħid hekk:

> "The first is the material, the second is the formal condition of liability. This 'mens rea' may assume one or other of two distinct forms, namely, wrongful intention (*dolus*), or culpable negligence (*culpa*). The offender may either have done the wrongful act on purpose, or may have done it carelessly, and in each case the mental attitude of the doer is such as to make punishment effective. If he intentionally chose the wrong, penal discipline will furnish him with a sufficient motive to choose the right instead for the future. If, on the other hand, he committed the forbidden act without wrongful

intent, but yet for want of sufficient care devoted to the avoidance of it, punishment will be an effective inducement to carefulness in the future. But if his act is neither intentional nor negligent, if he not only did not intend it, but did his best as a reasonable man to avoid it, there could be no good purpose fulfilled in ordinary cases by holding him liable for it."

Illi tenut kont ta' dak li qalet din il-Qorti preċedentement u tenut kont ta' dak li għadu kemm ġie ċċitat, ġialadarba ġie ppruvat li l-appellant refa' idejh fuq il-*parte civile* huwa seta' jikkonkludi li kien qed jagħmel ħażin. Għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward ta' Artikolu 257A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad fir-rigward tat-tieni aggravju jsegwi li anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa dwar il-fatt li huwa nstab ħati tal-kontravenzjoni li temani minn Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant jilmenta li din il-kontravenzjoni tistabbilixxi li tapplika fil-każ fejn ma japplikawx artikoli oħra u li għalhekk ġialadarba huwa nstab ħati taħt artikoli oħra, ma setax jinstab ħati tagħha wkoll.

Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant. Ma kien hemm xejn xi jżomm lill-Ewwel Qorti milli ssib ħtija tal-appellant fir-rigward tal-kontravenzjoni msemmija. Dak li jista' jingħad huwa li din l-imputazzjoni kellha *se mai* tkun assorbita fl-imputazzjonijiet l-oħra pero' dana għandu jingħad fir-rigward tal-piena. Għaldaqstant, it-tielet aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. L-appellant jisħaq li piena ta' priġunerija effettiva mhijiex ġusta fil-konfront tiegħu.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha. Fid-*decide* tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għal Artikoli tal-liġi in kwistjoni u għaddiet biex tagħti piena ta' ħames snin priġunerija. Artikolu 257A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

> "Meta bħala riżultat tal-imġiba mfissra fis-subartikolu (1), il-vittma ssofri offiża gravi fuq il-persuna, il-piena prevista fis-subartikolu (1) għandha tiżdied kif ġej:
>
> (a) meta l-vittma tkun taħt l-età ta' sebgħin sena, bi grad jew żewġ gradi;
>
> (b) meta l-vittma tkun ta' età 'l fuq minn sebgħin sena, b'żewġ jew bi tliet gradi."

Illi skont iċ-ċertifikat tat-twelid tal-*parte civile* (Dok. "SP 1"- *a fol.* 18) huwa twieled fil-15 ta' Marzu 1940. Għalhekk minħabba li l-akkadut seħħ fil-5 ta' Awwissu 2018 huwa kellu 78 sena. B'hekk isegwi li l-piena maħsuba f'dan ir-rigward ta' bejn sentejn u ħames snin priġunerija kellha titla' b'żewġ jew tliet gradi.

Illi wara li din il-Qorti qieset dak kollu li ngħad hawn fuq jirriżultalha li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda fil-parametri tal-liġi, ma kinitx manifestament eċċessiva fiċ-ċirkostanzi u anqas ma kienet żbaljata fil-prinċipju. Din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta qalet hekk:

> "Ġiet ikkunsidrata wkoll il-fedina penali netta tal-imputat.
>
> Madanakollu din ma tbiddel xejn mill-fatt li l-għemil tal-imputat hu wieħed xokkanti, att inuman u krudili li jikkalpesta' d-dinjita` tal-bniedem. Ftit huma l-kliem li jistgħu jasslu biex jispjegaw l-għajb u stmerrija, li vjolenza simili nflitta fuq anzjan ta' 78 sena minn min ġie fdat bil-kura tiegħu, tqanqal.
>
> Aggressjoni li tisfrutta l-vulnerabbilita' ta' min jirritalja ma setgħax, jiddefendi ruħu ma felaħx, jitkellem ma jasalx u jsejjaħ għall-għajnuna ma jistax!"

Illi in vista ta' dan kollu din il-Qorti ma tarax li hemm lok għal temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti u għaldaqstant anke r-raba' aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Charlton Spiteri u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**